**15 ta' Jannar, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Italia armla minn Alfredo Demarco *et*

*versus*

*Giorgio Demarco et*

**Nomina ta' Periti Perizjuri**

*It-talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali għandha ssir b'nota ppreżentata fi żmien sitt ijiem tax-xogħol jekk il-każ ikun quddiem il-Qrati Superjuri u dan il-perijodu jibda jgħaddi mid-data mogħtija għall-pubblikazzjoni tar-rapport jekk il-periti ma jkunux mill-Qorti ġew dispensati milli jidhru. Kif isir il-ħlas, ir-rapport għandu jiġi mdaħħal mir-Reġistratur fl-atti tal-kawża u wara jista' jarah kulħadd bħal kull att ieħor ta' dik il-kawża. Għalkemm l-art. 677 jipprospetta terminu fatali però bla ebda mod ma jimpedixxi inizjattiva da parti ta' dak li jkun qabel ma jiġi maħluf ir-rapport purchè l-istess rapport ikun ġa fl-atti tal-kawża u purchè jekk issir talba għal perizja perizjuri din ma ssirx wara s-sitt ijiem utili msemmija.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni numru 117/58CC ippreżentata fil-Qorti tal-Kummerċ li biha l-atturi talbu l-likwidazzjoni tas-soċjetà Giovanni Vincenzo Demarco u d-diviżjoni tal-bilanċ riżultanti mill-istralċ, liema talbiet ma ġewx opposti mill-konvenuti;

Rat li Norman Spiteri kien ġie nominat bħala stralċjarju assistit mill-Avukat Dr. Giuseppe G. Gatt u hu ppreżentata r-relazzjoni tiegħu fl-1 ta' April, 1971, liema relazzjoni ġiet maħlufa fil-11 ta' Ottubru, 1972.

Rat in-nota tal-konvenuti ta' l-10 ta' Ottubru, 1972, li biha talbu n-nomina ta' periti perizjuri;

Rat li l-atturi opponew ruħhom għad-domanda peress li din saret b'nota ppreżentata ġurnata qabel ma l-periti ħalfu r-relazzjoni tagħhom u għalhekk kienet barra mit-terminu ffissat mil-liġi;

Rat id-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tat-3

ta' Ġunju, 1983 li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullità tan-nota tal-konvenuti u akkoljiet it-talba u ddifferiet il-kawża għat-28 ta' Ġunju, 1983, biex tgħaddi għan-nomina tal-periti perizjuri;

*Omissis;*

Wara li ħadet in konsiderazzjoni dak kollu li ġie lilha sottomess fin-nota ta' l-atturi tat-3 ta' Diċembru, 1982 u dik tal-konvenuti tat-13 ta' Jannar, 1983, kif ukoll tal-verbal ta' l-atturi ta' l-4 ta' Frar, 1983, u semgħet anke oralment lid-difensur;

Peress li tħoss li għar-raġunijiet indikati mill-konvenuti fin-nota tagħhom fuq imsemmija, it-talba tagħhom, kif jissuġġerixxi ukoll kull sens prattiku li jesula minn formalismu esaġerat u mill-interpretazzjoni wisq litterali tal-liġi, id-dispożizzjoni ta' l-artikolu 677 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma ġietx miksura, billi t-talba ma saritx **wara** t-terminu fatali hemm preskritt, u ma jimpurtax li saret ġurnata qabel ma l-periti stralċjarji u legali ħalfu r-rapport una volta li l-partijiet kienu jafu bil-kontenut tar-rapport, u dana ukoll speċjalment minħabba t-talba verbalizzata mill-konvenuti in aġġunta għal u konformi man-nota tagħhom li biha talbu n-nomina wara li l-periti ħalfu r-rapport fil-11 ta' Ottubru, 1972;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Joseph Muscat, Margaret Vella u l-istess John Muscat bħala mandatarju ta' ħuh assenti Bernard J. Muscat li biha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-3 ta' Ġunju, 1983, billi tiddikjara li t-talba għan-nomina ta' periti addizzjonali ma saritx skond il-liġi fit-terminu prefiss mill-istess liġi, u tirrinvija l-atti lill-Ewwel Onorabbli Qorti għat-trattazzjoni finali u deċiżjoni fuq il-provi li saru. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta tal-konvenuti għall-appell imsemmi li biha ssottomettew li l-appell interpost mill-atturi appellanti jiġi miċħud u d-digriet appellat konfermat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanti;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li ġej: Skond l-appellanti l-liġi tgħid ċar fl-artikolu 677 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li t-talba għan-nomina ta' periti perizjuri għandha ssir b'not ppreżentata fi żmien sitt ijiem tax-xogħol minn meta r-rapport jiġi maħluf. Rapport peritali jsir prova skond il-liġi biss meta jiġi maħluf, u sa dakinhar qisu ma jeżistix. L-Ewwel Qorti qalet li n-nota saret qabel ma skadew is-sitt ijiem tax-xogħol, iżda, jekk it-terminu jibda jgħaddi minn dak in-nar li jinħalef ir-rapport, nota ppreżentata qabel dak in-nhar hi xorta waħda *fuori termine*. Skond l-appellanti kieku kien tajjeb l-argument ta' l-Ewwel Qorti, malli jiġi nominat perit f'kawża tista' ssir nota għan-nomina ta' periti perizjuri. Bl-istess argument ta' l-Ewwel Qorti wieħed jista' jippreżenta nota ta' l-appell lejliet li tingħata s-sentenza fil-kawża tiegħu u dan ikun assurd;

Ikkunsidrat:

Illi bħala fatt jirriżulta li r-relazzjoni imsemmija ġiet maħlufa minn Norman Spiteri u Dr. G.G. Gatt periti nominati mill-

Ewwel Qorti fil-11 ta' Ottubru, 1972 (ara fol. 579) u li n-nota bit-talba għal periti perizjuri saret ġurnata qabel ċjoè fl-10 ta' Ottubru, 1972 (ara fol. 568);

Illi skond l-artikolu 677 it-talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali għandha ssir b'nota ppreżentata fi żmien sitt ijiem tax-xogħol jekk il-każ ikun quddiem il-Qrati Superjuri u dak iż-żmien jibda għaddej bħal ma jingħad fis-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 667. Skond dan is-sub-artikolu li jirreferi għall-artikolu 672 dan il-perijodu jibda jgħaddi mid-data mogħtija għall-publikazzjoni tar-rapport jekk il-periti ma jkunux mill-Qorti ġew dispensati milli jidhru;

Issa bħala fatt, f'dan il-każ la jirriżulta li l-periti ġew dispensati milli jidhru u lanqas ma jidher li l-ġurnata tal-11 ta' Ottubru, 1972 kienet ġiet iffissata għall-publikazzjoni tar-rapport. Infatti s-seduta preċedenti kienet dik tal-31 ta' Mejju, 1972 li fiha ġie verbalizzat biss li peress li għad hemm appell pendenti l-kawża tibqa' għall-11 ta' Ottubru, 1972. Evidentement ġara li bejn is-seduta tal-31 ta' Mejju, 1972 u dik tal-11 ta' Ottubru, 1972 inqata' l-appell pendenti li kien fuq ritassa, sar il-ħlas lill-periti u l-istess rapport għalhekk ġie għad-dispożizzjoni tal-partijiet fit-termini ta' l-artikolu 666(2) ta' l-imsemmi Kodiċi;

Issa skond l-artikolu 666(3) kif isir il-ħlas ir-rapport għandu jiġi mdaħħal mir-Reġistratur fl-atti tal-kawża, u wara jista' jarah kulħadd bħal kull att ieħor ta' dik il-kawża;

Illi minn dan kollu li għadu kemm ingħad temerġi ċara l-infondatezza ta' l-argumenti ta' l-appellant li bl-argument ta' l-Ewwel Qorti n-nota għal periti perizjuri tista' ssir appena jiġi

nominat l-ewwel perit jew li appell jista' jsir minn sentenza qabel ma tkun ingħatat. Dawn l-analoġiji sempliċement ma jreġux għas-sempliċi raġuni li fil-każ in diżamina r-rapport peritali kien fit-termini tal-artikolu 666(3) imsemmi ġa fl-atti tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti oltre il-konsiderazzjonijiet ġa esposti tara li taqbel mar-reġonamenti ta' l-Ewwel Qorti u żżid magħhom biss żewġ aspetti oħra. L-ewwel aspett hu dak tal-verbal ta' Dr. Mallia fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 1972 li bih appena ġie maħluf ir-rapport tenna l-istess talba għal periti perizjuri liema talba kien diġà għamel permezz ta' nota. It-tieni aspett hu li għalkemm l-artikolu 677 jipprospetta terminu fatali però bl-ebda mod ma jimpedixxi inizijattiva da parti ta' dak li jkun qabel ma jiġi maħluf ir-rapport purchè l-istess rapport ikun ġa fl-atti tal-kawża u purchè jekk issir talba għal perizja perizjuri din ma ssirx wara s-sitt ijiem utili msemmija. Kif issottomettew l-appellati dak li hu evidentement importanti għal-leġislatur hu li sa ma jgħaddu s-sitt ijiem utili minn meta jiġi maħluf ir-rapport, in-nota għan-nomina ta' periti perizjuri tkun iddaħħlet;

Għal dawn il-motivi għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata bl-ispejjeż ta' dan l-appell għall-istess appellanti. Fl-aħħarnett tibgħat l-atti lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.